**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 24 ta' Novembru, 2016**

Kawza Numru: 487/2016JB

Numru: 78

**Go plc (C22334)**

***vs***

**Superb Oil Stream and Service Limited (C52977)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-26 ta' Ottubru 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li s-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elfejn, tliet mija u hdax-il euro u erbgha u tletin centezmu (€2,311.34) rapprezentanti servizzi ta' telekomunikazzjoni pprovduti lill-istess Socjeta Konvenuta. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Novembru 2016 (a fol 11);

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti (a fol 12), is-Socjeta Konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment u lanqas ma deher rapprezentant ghas-smigh;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta*

*waħda*”.  Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b’mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba fil-waqt li s-Socjeta Konvenuta ma ressqet ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lis-Socjeta Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici is-somma ta’ €2,311.34 bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz.  Spejjez a karigu tas-Socjeta Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*